**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U TLETIN 26TA' JANNAR, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **31.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 31.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija. |
| | | |
| **31.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 31.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***31.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 31.3.1. | | Is-Sindku Rita Grima nfurmat li l-bieraħ waqt ċerimonja mal-Ministru Julia Farrugia Portelli, l-Kunsill taż-Żurrieq ingħata s-somma ta' 5,000Euro biex jixtri kotba braille u wheelchairs tal-batterija tal-iskema Freedem to live. |
| | | |
| 31.3.2 | | Is-Sindku qalet li :<br>• l-guy boċċi klabb, staqsew jekk jistgħux jagħmlu l-kompetizzjoni ta' Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li ssir. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • li l-Kunsill jista jipprepara għal attivita' ta' Jum iż-Żurrieq ukoll minħabba r-rilaxximent tal-miżuri li qed isiru bħalissa.<br>• Koppja avviċinaw lis-Sindku biex tagħmel tieġ fil-ġnien tal-ġibjun. Kien hemm qbil li ġaladarba l-kunsill għadu m'għamilx il-bye law, minħabba d-devoluzzjoni tal-ġnien, il-permess ma jingħatax. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-MTA . Kien hemm qbil li tiġi iffisata laqgħa mad-diriġenti li qed isostnu li ġnien li jieħu ħsieb il-Kunsill, irid ikun devolut lill-kunsill biex issir attivita.<br><br>F'dan il-ħin daħlu fil-Kunsilliera Kaydem Schembri u Kyle Mifsud (ħin 18:27) |
| | | |
| 31.3.3 | | Is-Sindku qalet li llum kellha laqgħa mal-contract manager tal-ġonna u mal-kuntrattur tal-manutenzjoni tal-ġonna u soft areas. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li dan il-kuntrattur ħsara biss qed jagħmel fis-soft areas u fil-ġonna.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fit-tender irid ikun hemm klawżola li jekk kuntrattur jitfa offerta u jkun diġa ħadem fil-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u ma tax servizz tajjeb, il-Kunsill ikollu d-dritt li ma jaċċettax li jagħti l-offerta lilu.<br>Hemm bżonn li n-nuqqasijiet li qed jiġu innutati jintbagħtu b'email lill-kuntrattur u lill-kunsilliera. |
| | | |
| | | |
| ***31.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 31.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal:<br>• li bħal dan iż-żmien sena kien hemm qbil li jibdew jiġu imsewwija. Is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob għal iżjed stimi, biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħol.<br>• Il-fanali ta' mas-salib ta' Triq il-kbira mitfijien. |
| | | |
| | | |
| 31.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri staqsa fuq:<br>• Xogħol ta' manutenzjoni fuq arti li hemm f'Dar Mattia Preti<br>• Wied Babu jekk hux tal-privat jew le.<br><br>Kien hemm qbil li issir tfakkira taż-żewġ każi. |
| | | |
| 31.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ftit tal-ġimgħat ilu l-President tar-reġjun kien talab lista ta' toroq rurali biex isiru mir-reġjun. Il-Kunsill ta din il-lista u għalhekk jista l-Kunsill ma' japplikax għal fondi li ħarġu fuq toroq rurali. |
| | | |
| 31.4.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq G M Callus hemm bus stop li tinsab perikoluża għax tinsab f'nofs ta' traffic island. Kien hemm qbil li l-istop marking issir aktar viżibbli u tabella li tidher aktar. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 31.4.5 | | Il-kunsillier Marisa D'Amato tablet biex issir laqgħa agrarja fil-25 ta'Marzu, fis-sala tal-iskola.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu ukoll kien ser jipproponi attivita' ta' orkestra bil-kor f'April, fis-sala tal-iskola u ma kienx ser joqgħod ineħħi u jerġa jarma s-siġġijiet għar-rehearsal, biex issir il-laqgħa agrikola. F'dan il-punt il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li lesta li tagħmel ix-xogħol hi, bħal ma tagħmel f'positijiet oħra, imma ma tagħmilx sens li ma jsirux l-attivitajiet biex ma jitneħħewx siġġijiet. Il-kor għal mal-orkestra jrid jitħallas mill-Kunsill. Kien hemm qbil li jsiru ż-żewġ attivitajiet. |
| | | |
| | | Il-Kunsillier Dino Bonnici daħal fis-seduta f'dan il-ħin 19:00 |
| | | |
| 31.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• Hemm bżonn żbir ta' siġar int u nieżel lejn Wied iż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fil-picnic area ukoll hemm bżonn żabra.<br>• Fi Triq il-kbira hemm bollards fejn is-salib jeħtieġ li issirilhom manutenzjoni<br>• Hemm bżonn li jkun hemm parkeġġ riservat fejn il-berġa tas-saħħa għal pazjenti li jużaw il-berġa. Ma kienx hemm qbil għax fl-akwata hemm diġa żewġ parkeġġ għall-persuni b'diżabilta. Kien hemm qbil li l-parkeġġ blue li tinsab fi Triq P P Saydon titneħħa u titpoġġa quddiem il-berġa tas-saħħa.<br>• Fi Triq San Martin k/m Triq Dun Nard Mallia kien sar double yellow lines u minħabba li l-garaxxijiet ma għadhomx jintużaw, kien hemm qbil li jitneħħew il-linji sofor.<br>• Hemm karozza skrapjata fi Triq San Martin li ilha sentejn abbandunata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tavża lill-pulizija jieħdu n-numru ta' reġistrazzjoni u wara jkun jista jieħu l-karozza l-Kunsill.<br>• Issir laqgħa fuq l-istorm water culverts, li l-offerta għaliha intrebħet u naraw meta ser jibda x-xogħol. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Li s-siġar ta' Vjal il-Blue Grotto jiġu mixgħula minn taħt kull siġra. Kien hemm qbil li jibdew jinġabru l-istimi.<br>• Inqabdu perit biex jagħti stima tal-manutenzjoni tal-kappella ta' Sant Agatha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li meta l-Kunsillier Joseph D'Amato ma kienx qabel li issir manutenzjoni fuq l-inkwatru ta' Hal Millieri, kienet staqsiet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali (kif kien talab l-istess kunsillier) u ġiet infurmata li anke l-kapella ta' Sant Andrija għamel ħażin il-Kunsill li ħareġ fondi għaliha ġaladarba mhix devoluta lilu.<br>• Youth centre fiż-Żurrieq m'hawnx u l-kunsill għandu jibda bi proċess biex jara s-siti li kienu jintużaw għaż-żgħażagħ x'qed isir minnhom, biex tinħareġ offerta għal ġenituri biex jibdew jieħdu ħsieb dawn is-siti u jinfetħu għaż-żgħażagħ anke bi ħlas. Iż-żgħażagħ li mhumix dilettanti tal-każini m'għandhomx fejn imorru biex jiltaqgħu. Is-Sindku qalet li ser tibda biex tkellem lill-Arċipriet fuq dan il-proġett. |
| | | |
| 31.4.7 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Is-siġar ta' Triq P P Saydon jinbidlu u dawn eżistenti jitpoġġew post ieħor. Is-Sindku ssuġġeriet li jsiru fi Triq Frangisk Coleiro. Kien hemm qbil ukoll jitpoġġew parti minnhom fil-cat cafe. Kien hemm qbil li jinġabru stimi.<br>• Zebra crossing fi Triq Bronja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħol ser jibda fi ftit ġimgħat oħra.<br>• Bankina Triq Xandru D'Amato - Is-Sindku qalet li diġa ħarġet l-ordni għax xoghol, għax kienet rat l-ħsara li fiha tali bankina.<br>• Kaxxa tad-dawl miftuħa ma' arblu fi Triq Bubaqra k/m Triq ir-Rettur<br>• Żbir ta' siġar taż-żebbuġ fi Triq Wied Babu<br>• Mains tal-ilma tal-ġonna<br>• Rigward il-bollard fi Triq San Nikola tinġib permess minn TM biex issir bollard u tiġi mgħoddija lir-resident li jixtieqa.<br>• Tnaqqas parkeġġ fi Sqaq Barcellona. Is-Sindku qalet li hemm garage li resident ma jistax joħroġ karozza mill-garage. Kien hemm qbil li s-sindku u l-Kunsillier Kenneth Farrugia jmorru jaraw fuq il-post.<br>• Garage faċċata tal-kunsill ma jintużax bħala garage għalhekk hemm bżonn li titneħħa l-kaxxa. Il-maġġoranza qablet li jitneħħa u ssir parkeġġ bajda u meta jibda jintuża bħala garage terġa issir. |
| | | |
| 31.4.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• biex tiżdied ATM oħra fiż-Żurrieq. Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li meta hi talbet għal waħda f'Bubaqra qali li għalissa mhux iż-żmien li issir oħra. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-banek.<br>• Hemm art fi Triq il-Madonna Tal-Ħniena u jissuġġerixxi li ssir court sportiv. Kien hemm qbi li l-Kunsill ikellem lill-perit fuq din l-art biex tintuża aħjar.<br>• Biex jinbeda l-proġett ta' slow street. Kien hemm qbil fuq dan |
| | | |
| 31.4.8 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• Fi Vjal il-Blue Grotto hemm nutar pubbliku li quddiem l-uffiċju hemm parkeġġ isfar, jeħtieġ isir parkeġġ.<br>• Vjal ix-Xarolla jsiru l-arbli u jsiru tiżjin tal-Milied. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Isiru d-dwal tal-Milied fi Triq Dun Gużepp Zammit fis-central strip. Kien hemm qbil li ma jistax ikun li l-Kunsill jagħmel toroq iżjed tat-tiżjien, minħabba l-fondi tal-Kunsill.<br>• Staqsa jekk il-Kunsill jafx li l-Pulizija imxewx mad-Distrett ta' Ħal Qormi u mhux ser jibqa' maż-Żejtun. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret taf minn permess li talbet riċenti. Is-Sindku qalet li din il-ġimgħa ser ikollha l-ewwel laqgħa mas-Supretendent il-ġdid u mal-ispettur.<br>• Fi Vjal ix-Xarolla hemm ħawt bil-ħamrija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din hi kwistjoni ta' ġirien li jinsabu anke fil-qorti.<br>• Pregnant window fi Triq L-Isqof Alpheran biex titneħħa |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***31.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 31.5° | | Tressaq ir-rapport ta' Pjan ta' Ħidma ta' 5 snin, imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv. Dan ġie approvat biex jintbagħat. |
| | | |
| 31.5b | | Tressaq ir-rapport tal-aħħar kwart tas-sena imħejji mill-Accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat biex jintbagħat. |
| | | |
| **31.5.c** | | **Performance Bonus Appraisal** |
| | | |
| **31.5.c1** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti ta' kull impjegat u tablet li l-impjegati kollha jieħdu l-ammont sħiħ tal-bonus. **Dok 2. Mehmuz.**<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| **31.5.c2** | | F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mis-seduta biex is-Sindku tressaq ir-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.<br>Kif reġgħet daħlet fis-seduta, ġiet infurmata li kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-bonus bl-ammont sħieħ. **Dok 3 mehmuż.** |
| | | |
| ***31.6*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***31.7*** | | ***Gabbani tal-Festi*** |
| | | |
| 31.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv tat informazzjoni tal-lista ta' dawk li normalment jarmaw gabbana fil-festi tar-raħal. Dok 4 mehmuż.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-uniku post fejn hemm spazju hu fi Vjal il-Blue Grotto.<br>Kien hemm qbil li ssir laqgħa fuq dan il-punt biss.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu kategorikament ma jaqbilx li jiżdiedu gabbani oħra. |
| | | |
| ***31.8*** | | ***Deputat Segretarju Eżekuttiv – estenzjoni*** |
| | | |
| 31.8a | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wasal iż-żmien biex tiġi approvata l-estenzjoni tad-deputat Segretarju Eżekuttiv sal-aħħar ta' April 2022. |
| | | |
| | | |
| ***31.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 31.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Fuq it-talba li l-Kunsill irċieva mingħand persuna li qed jitlob permess biex jerġa jtella wirja tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-Mitħna tax-Xarolla fil-ġranet mid-9 sal-15 ta' April, l-persuna tat l-informazzjoni kollha li l-Kunsill kellu bżonn. **Dok 5 mehmuż.** Kien hemm qbil li tali attivita' |

| | | |
|---|---|---|
| | | jingħata l-permess biex issir. Il-Kunsillier Joseph D'amato qal li l-persuna trid timxi skont id-direttivi tas-saħħa.<br>• Zurrieq Wolves AC qed jipproponu li jorganizzaw ġirja 5k, madwar iż-Żurrieq li tibda u tispiċċa minn quddiem l-uffiċju tal-Kunsill. Din jixtiequ li tkun organizzata bħala waħda mill-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq fil-5 ta' Ġunju. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li jiġi mistoqsi l-Arċipriet jekk hemmx attivitajiet tal-knisja u li t-tiġrija tinbeda u tispiċċa minn Misraħ Mattia Preti.<br>• L-għaqda Grow10 Trees issuġġerew li jħawlu siġar fil-ġnub tal-parking area ta' Triq San Martin u fin-nofs tal-parkeġġ jagħmlu linja ħamrija minn ġemb sa ġemb u jħawlu s-siġar fiha. Kien hemm qbil fuq il-kunċett, imma meta jikbru s-siġar u joqgħodu l-għasafar fihom, iħamġu l-karozzi kollha li jkun hemm ipparkjati. Kien hemm qbil li jinsatab post alternattiv, fosthom Triq Hal Far faċċata tal-Open Centre.<br>• Resident li għandu garaxx fi Triq San Bartilmew faċċata tal-BOV qed jitlob li quddiem il-garaxx tiegħu jsiru bollards b'katina magħhom biex jostakolaw lill-vetturi milli jipparkjawlu quddiem il-garaxx. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Fir-rigward tal-punt li tqajjem fis-seduta preċedenti rigward talbiet ta' U bars quddiem il-banka tal-lottu ta' Triq il-Kbira u quddiem ħanut ġdid f'Misraħ Repubblika, il-kejl tal-wisa tal-bankini huma 80cemiteru u metru rispettivament. Kien hemm qbil jiġu ċċekjati ż-żewġ postijiet bil-wheelchair.<br>• Persuna qed titlob li jsiru bollards fuq il-bankina ta' Triq Nardu Sacco k.m Triq Morphou, għax il-vetturi qed jitilgħu fuq il-bankina. Kien hemm qbil li jiġi mitkellem il-kuntrattur li għandu l-istore f'dak il-post, u li hu allegat li qed jagħmel il-ħsara bit-trakk tiegħu.<br>• Reġgħu intalbu sleeping policeman tat-tarmak, fi Triq il-Wardija fejn kien hemm qabel ma saret it-triq bit-tarmak. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Resident minn Triq il-Mitħna qed jitolbu bollards mal-faċċati tad-djar tagħhom, għax qed ikollhom ħsarat mad-djar. Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li fil-viċin diġa hemm sleeping policeman biex il-vetturi jsuqu bil-mod.<br>• Inġibu stimi għal makkinarju biex iwaqqa ż-żebbuġ minn ġos-siġar u dan ikun jista jinġabar minn mal-art. L-orħos makkinarju li jaħdem bil-petrol hu ta' 350€. Kien hemm qbil li jinxtara. **Dok 6 mehmuż**.<br>• Resident miż-Żurrieq qed jirrapporta li fid-19 ta' Diċembru kellu ħsara fit-tyres tal-karozza meta waqt li kien għaddej minn Triq Bubaqra daħal ġo ħofra. Dan għamel rapport lill-pulizija dak il-ħin stess. L-ammont tal-ispiża telgħa 828.10Euro. Kien hemm qbil li jitħallas tal-ħsara u li l-Kunsill jagħmel it-talba lill-Kumpanija tal-Insurance.<br>• Uffiċjali mill-Open Centre ta' Hal Far qed jitolbu art fi Triq Hal Far biex tintuża bħala parking area u qed jitolbu ukoll 2 sleeping policeman. Ma kienx hemm qbil.<br>• Bidwi talab li jsiru żewġ sleeping policemen fi Triq il-Wied, int u nieżel lejn Wied iż-Żurrieq, viċin Triq l-Għerejjen. Kien hemm qbil li jittieħed parir minn TM. |
| | | |
| 31.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • waħda mill-impjegati li taħdem fuq bażi part time għal 20 siegħa fil-ġimgħa, talbet li tibda taħdem 25 siegħa fil-ġimgħa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Żewġ impjegati oħra waslu biex jitilgħu notch fl-iskala tagħhom. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Kaydem Schembri ħarġu mis-seduta 21.16.<br><br>F'dan il-punt kien hemm qbil unanimu li titkompla s-seduta biex jiġu eżawriti l-punti kollha. |
| | | |
| 31.9.4 | | Il-Kunsill irċieva email minn Zurrieq FC fejn ġejna infurmati li Zurrieq FC qed jitlob donazzjoni ta' 50Euro lil hawker li jarma fiż-żona tal-art taż-Żurrieq FC, imma lil Kunsill mhu ser iżommlu xejn. Iż-Zurrieq FC qed jitolbu li l-Kunsill jieħu ħsieb it-tindif. Kien hemm qbil li tiġi riveduta t-talba tad-donazzjoni. Il-postijiet għandhom jitilgħu bil-polza. |
| | | |
| 31.9.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li reġgħet ġiet ikkuntatjata mill-kuntrattur li ħadem id-dawl tal-Milied fi Vjal il-Blue Grotto u infurmana biex il-Kunsill jaħseb sew minn issa x'ser jarma dawl tal-Milied fi Vjal il-Blue Grotto u li d-dawl ta' din is-sena ma setgħax jerġa jiġi armat minħabba l-periklu li fih għal min imiss miegħu. Dan il-punt ġie mitkellem f'punt qabel. |
| | | |
| **31.9°** | | **Tender: Embelishment of area surrounding Xarolla Windmill in Zurrieq. XWM6701/22** |
| | | |
| 31.9a.1 | | Infetħet it-tender biex isir embelishment madwar il-Mitħna tax-Xarolla. Il-Kunsillier Dr Tiffanny Ann Attard infurmat li f'din it-tender kellha konflitt ta' interess u għalhekk ħa l-post tagħha bħala aġġudikatur il-Kunsillier Kyle Mifsud. **Dok 7**<br>L-offerti tal-offerenti kienu dawn:<br>A. 209,420Euro<br>B. 135,000Euro<br><br>Kien hemm qbil li l-offerta tingħata lill-orħos offerent ġaladarba jinsab li jkun konformi mal-kriterji. Il-Perit għadha trid tevalwa l-offerti min-naħa tagħha u titlob xi kjarifiċi. |
| | | |
| 31.9a.2 | | **Tender : Maintenance of Traffic signs and road markings**<br>**Tender : Maintenance of Pavements, retaining walls and Culvert Works**<br>**Tender : Service of accountant** |
| | | |
| 31.9a.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali tenders ser jiskadu f'Ġunju u wasal iż-żmien biex jinbeda x-xogħol fuqhom ħalli jerġgħu joħorġu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm fuq dan. |
| | | |
| 31.9a.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat – POC24/2021. Tali email tawtorizza lill-Kunsilli Lokali li kemm il-darba jaqblu, jistgħu jestendu l-kuntratt li huma għandhom fuq il-Ġbir tal-iskart bieb bieb. Il-kuntratt eżistenti suppost jiskadi f' Awwissu 2022. Kien hemm qbil unanimu li tali kuntratt jiġi estiż sal-aħħar tas-sena 2022 bl-istess kundizzjonijiet u prezzijiet tal-kuntratt eżistenti. |
| | | |
| ***31.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 31.10.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Nofsinhar numru 55. |
| | | |
| ***31.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 31.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 8** għall-ammont totali ta' € 90,554.61<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***31.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 31.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-22:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 23ta' Frar, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 23 ta' FRAR 2022

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**